# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tmienja u għoxrin (28) ta' April 2022**

**Rikors Numru 267/17 FDP**

Fl-ismijiet

**Peter Azzopardi (K.I. Nru 533638M)**

**Vs**

**Carmen Azzopardi (K.I. Nru 32054M)**
**Pawla Azzopardi (K.I. Nru.35455M)**
**Mary Azzopardi (K.I. Nru.809656M)**
**Susan Azzopardi (K.I. Nru. 417673M)**
**u**
**b'digriet tal-15 ta' Settembru 2017**
**ġew kjamati in kawża**
**Lawrence Farrugia (K.I. Nru. 144558M)**
**Alfred Farrugia (K.I. Nru. 528063M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 27 ta' Marzu 2017, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi l-attur huwa l-proprjetarju ta 'porzjon diviża mir-raba msejjaħ "Ta' Sejfu" fil-kontradda "Ta' Rdum" sive "Tal-Wata" fil-limiti ta' Ħad Dingli, tal-kejl ta' erbgħa sigħan u sebgħa kejliet libera u franka u liema raba*

*tgawdi d-dritt ta' passaġġ bir-riġel u bil-bhima minn fuq porzjoni diviża oħra mill-istess raba propjeta' tal-konvenuti u dan kif jirriżulta minn kuntratt ta' akkwist datat 21 ta' Ottubru, 1963 in atti Nutar Dottor Joseph Felix Abela (vide Dok A);*

2. *Illi circa sebgħa (7) snin ilu d-defunt Tony Farrugia propjetarju tar-raba li minnha l-attur igawdi dritt ta' passaġġ, kien biddel l-aċċess tal-passaġġ fejn l-istess Tony Farrugia kien ċaħħad lill-attur milli jgħaddi mill-passaġġ oriġinali u ddevjah minn parti oħra tar-raba' b'konsegwenza li l-passaġġ djieq;*

4. *Illi l-attur kien għamel xogħolijiet fejn witta l-passaġġ minħabba d-diżlivell li kien hemm konsegwenza tax-xogħolijiet fi Triq l-Għabex, Ħad Dingli iżda l-attur spiċċa b'passaġġ idjaq milli għandu bi dritt u dan kif anki ammess fl-ittra uffiċjali tal-konvenuti datata 20 ta' Jannar, 2017 (vide Dok C);*

5. *Illi minkejja li l-attur interpella diversi drabi lill-konvenuti bħala l-ante kawża tad-defunt Tony Farrugia, huma qegħdin jirrifjutaw li jirripristinaw il-passaġġ għall-istat oriġinali li kien.*

*Jgħidu l-konvenuti, għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara illi l-attur igawdi dritt ta' passaġġ minn fuq l-art proprjeta' tal-konvenuti kif stabbilit fil-kuntratt datat 21 ta' Ottubru, 1963 in atti Nutar Dottor Joseph Felix Abela.*

2. *Tiddikjara u tistabilixxi l-wiesgħa u l-via tal-passaġġ inkluż ir-rampa minn fuq ir-raba tal-konvenuti li minnu l-attur għandu dritt ta' passaġġ okkorrendo bil-ħatra ta' perit nominandi.*

3. *Tordna lill-konvenuti biex bl-ebda mod ma jfixklu lill-attur milli jaċċedi mir-rampa għall-passaġġ li jagħti għal porzjoni tiegħu tar-raba.*

4. *Tawtorizza lill-attur jagħmel dawk ix-xogħolijiet kollha neċessarji a spejjeż tal-konvenuti sabiex jerġa' jiġi kostruwit il-passaġġ u dan taħt id-direzzjoni ta' perit nominandi.*

5. *Tirreintegra lill-attur fil-pussess sħiħ u reali godiment tad-dritt ta' passaġġ oriġinali fuq imsemmi.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali datata 4 ta' Jannar, 2017 kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti sabiex jixhdu u għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-25 ta' April 2017 il-konvenuti rrispondew għal dak mitlub billi qajmu s-segwenti difiżi:

1) *ILLI fl-ewwel lok, l-attur għandu jiddikjara a bażi ta' liema artikolu tal-liġi qed jipproponi l-kawża odjerna, u f'kull każ, jekk qed jipproponiha taħt l-Art. 534 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-azzjoni hija perenta bit-terminu ta' sena, u dan mingħajr preġudizzju għal kull eċċezzjoni oħra ta' preskrizzjoni li tista' tingħata.*

2) *ILLI fit-tieni lok, il-ġudizzju mhux integru stante li l-propjetarji tar-raba in kwistjoni li minn fuqu l-attur igawdi dritt ta' passaġġ mhuwiex biss ta' l-esponenti iżda wkoll ta' ħuthom oħrajn, hekk kif jirriżulta mit-testment u l-istess causa mortis tad-defunt Anthony Farrugia hawn anness u mmarkat bħala* ***DOK A****.*

3) *ILLI fit-tielet lok, l-esponenti mhumiex il-leġittimi kontradittURI għaliex ma għamlux huma x-xogħolijiet fit-triq pubblika u li b'konsegwenza tagħhom ġie affetwat il-passaġġ in kwestjoni. Għalhekk m'għandhomx ikunu huma li jwieġbu għall-attivita' ta' l-awtoritajiet relattivi li ħadmu fuq it-triq. L-attur igawdi minn passaġġ li tiegħu aċċetta l-lok u l-kobor meta qabel fuqu flimkien ma' l-awtur ta' l-esponenti; iżda issa l-esponenti m'għandhom ibatu l-ebda konsegwenza jekk il-passaġġ li l-attur għandu ġie affettwat minn xogħol ta' l-awtoritajiet, u jopponu li l-attur jieħu xi parti oħra mill-għalqa tagħhom biex jagħmilha passaġġ, għal din l-istess raġuni.*

4) *ILLI l-attur irid jipprova illi dak li qed jitlob jirriżulta mill-kuntratt tiegħu li sar fl-1963, għaliex dan il-kuntratt ma jindikax il-lok u l-pożizzjoni ta' dan il-passaġġ, u mhuwiex ċar jekk il-passaġġ li qed jiġi indikat f'dak il-kuntratt huwiex dan l-istess li jgħaddi minn fuqu l-esponenti.*

5) *ILLI mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk stess il-passaġġ in kwstjoni djieq, l-attur irid jipprova li hu għandu dritt għal passaġġ tal-wisgħa u kobor li qed jippretendi f'din il-kawża; u dan propju għaliex fil-kuntratt tiegħu m'għandu l-ebda qies partikolari ħlief li jrid ikun passaġġ bir-riġel u bil-bhima; u l-kobor attwali tal-passaġġ xorta waħda jirrispekkja r-rekwiżiti tal-kuntratt tiegħu.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

**Provi:**

3. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentati mar-rikors promotur, ossija kuntratt datat 21 ta' Ottubru 1963 (fol 5), u żewġ Ittri Uffiċjali datati 4 ta' Jannar 2017 u 20 ta' Jannar 2017.

4. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentati mar-risposta, ossija Testment ta' Anthony Farrugia datat 15 ta' Settembru 2006 (fol 19) u kuntratt 'causa mortis' datat 5 ta' Lulju 2010 (fol 23).

5. Rat illi fil-15 ta' Ġunju 2017, ir-rikorrenti ddikjara li l-azzjoni odjerna hija bbażata fuq l-Artikolu 476 tal-Kap 16. (fol 34)

6. Rat illi fit-13 ta' Settembru 2017, ir-rikorrenti talbu l-kjamat in kawża ta' Lawrence Farrugia u Alfred Farrugia, li ġiet milqugħa fil-15 ta' Settembru 2017. (fol 35)

7. Rat l-affidavit ta' **Peter Azzopardi** ippreżentat fl-1 ta' Novembru 2017 (fol 45) u l-pjanta hemm eżebita.

8. Rat ix-xhieda ta' **Nicholas Baldacchino** mogħtija fl-1 ta' Novembru 2017 (fol 50).

9. Rat ix-xhieda ta' **Thomas Debono**, rappreżentant tal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, mogħtija fit-30 ta' Novembru 2017 (fol 56).

10. Rat li r-rikorrent ippreżenta permezz ta' nota d-dokument Dok PA3 (konsistenti f'aerial photo fejn hi delineata l-għalqa tar-rikorrent), PA4 (ritratt meħud fil-preżent), PA5 (ritratt meħud fil-preżent), PA6 (ritratt meħud fil-preżent) (fol 59).

11. Rat l-affidavit ta' **Antoine Azzopardi** ippreżentat fis-7 ta' Frar 2018 (fol 68).

12. Rat ix-xhieda ta' **Oliver Magro** in rappreżentanza tal-Awtorita` tal-Ippjanar datata 13 ta' Marzu 2018 (fol 75) u rat ir-ritratti minnu eżebiti.

13. Rat illi fid-19 ta' April 2018, ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi.

14. Rat li r-rikorrent permezz ta' nota, ppreżenta kopja aktar ċara tal-kuntratt tal-akkwist datat 21 ta' Ottubru 1963 (fol 83).

15. Rat illi fit-30 ta' Mejju 2010 tqabbad Dr Benjamin Valenzia biex jisma' l-kontro eżami ta' Peter Azzopardi.

16. Rat ix-xhieda ta' Peter Azzopardi in kontro-eżami datata 5 ta' Ottubru 2018 mogħtija quddiem Dr Benjamin Valenzia (fol 90).

17. Rat illi fit-23 ta' Ottubru 2019, din il-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-każ.

18. Rat l-affidavit ta' **Paola Azzopardi** ippreżentat fit-23 ta' Ottubru 2019 (fol 108).

19. Rat l-affidavit ta' **Francis Sammut** ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2019 (fol 114).

20. Semgħet ix-xhieda ta' Antonia Azzopardi in kontro eżami datata 28 ta' Novembru 2019 (fol 116).

21. Rat l-affidavit ta' **Paola Azzopardi** ippreżentata fis-26 ta' Frar 2020 (fol 131).

22. Rat l-affidavit ta' **Alfred Farrugia** ippreżentat fil-25 ta' Frar 2020 (fol 132).

23. Rat l-affidavit ta' **Carmela Azzopardi** ippreżentat fis-26 ta' Frar 2020 (fol 133).

24. Rat l-affidavit ta’ **Mary Azzopardi** ippreżentat fis-26 ta’ Frar 2020 (fol 134).

25. Rat l-affidavit ta’ **Susan Azzopardi** ippreżentat fis-26 ta’ Frar 2020 (fol 135).

26. Semgħet ix-xhieda ta’ **Karl Borg** in rappreżentanza tal-Awtorita` tal-Artijiet datata 26 ta’ Frar 2020 (fol 136).

27. Semgħet ix-xhieda ta’ Paola Azzopardi, in kontro eżami, datata 26 ta’ Frar 2020 (fol 142).

28. Semgħet ix-xhieda ulterjuri ta’ Karl Borg datata 14 ta’ Jannar 2021 (fol 180).

29. Semgħet ix-xhieda ulterjuri ta’ Karl Borg datata 4 ta’ Marzu 2021 (fol 196).

30. Semgħet ix-xhieda ulterjuri ta’ Karl Borg datata 6 ta’ Mejju 2021 (fol 206).

31. Semgħet ix-xhieda ta’ **Lawrence Farrugia** datata 6 ta’ Mejju 2021 (fol 212).

32. Semgħet ix-xhieda ta’ **Francis Sammut** datata 14 ta’ Lulju 2021 (fol 245).

33. Għamlet aċċess fuq il-post fit-23 ta’ Settembru 2021, kif jirriżulta mill-verbal a fol 261 *et seq* tal-proċess.

34. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentata fil-15 ta’ Diċembru 2021 (fol 274).

35. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-intimati ppreżentata fl-24 ta’ Frar 2022 (fol 285).

36. Rat illi fl-24 ta’ Frar 2022 il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

## Fatti tal-każ

37. Jirriżulta li r-rikorrent huwa proprjetarju ta’ porzjon diviża ta’ raba imsejħa “Ta’ Sejfu” fil-kontrada “Ta’ Rdum” sive “Tal-Wata” fil-limiti ta’ Ħad Dingli kif jirriżulta mill-kuntratt ta’ akkwist datat 21 ta’ Ottubru 1963 eżebit bħala Dok A.

38. Jirriżulta li maġenb il-proprjeta` tal-partijiet, ġiet iffurmata triq pubblika, ossija Triq l-Għabex, u sussegwentement inbidel il-passaġġ oriġinali li kellu l-attur. Di fatti, hekk kif infetħet it-triq, saret din il-bidla fil-passaġġ, li preċedentement kien f’forma ta’ ‘L’, fejn ir-rikorrent bi ftehim ma’ Tony Farrugia llum defunt, ftehmu li jużа l-passaġġ diffrenti, ossija bi dritt minn mat-triq, liema passaġġ jirriżulta li baqa’ jintuża sa llum. Konsegwentement, ir-rikorrent spiċċa b’passaġġ ta’ tlett piedi, li mhuwiex ‘L shaped’.

39. Jirriżulta li, sussegwentement, ir-rikorrent interpella lill-intimati, bħala *ante kawża* tad-defunt Tony Farrugia permezz ta’ ittra uffiċjali datata 4 ta’ Jannar 2017, Dok B,

fejn interpellahom sabiex jerġgħu jwessgħu l-passaġġ għal seba' piedi kif kien oriġinarjament.

40. Jirriżulta li fir-risposta tagħhom fl-ittra datata 20 ta' Jannar 2017, eżebita bħala Dok C, l-intimati irrispondew u kkonfermaw li d-dritt ta' passaġġ tar-rikorrenti għaddej mill-porzjon ta' art tagħhom u oħrajn magħrufa bħala "Ta' Sejfu" kontrada "Ta' Rdum" sive "Tal-Wata. Iżda sostnew li dan ma kienx b'azzjoni illegali da parti tagħhom.

## Kunsiderazzjonijiet

41. Jirriżulta, mill-premessi, illi r-rikorrent jikkontendi li, l-*ante kawża* ta' l-intimati, ossija d-defunt Tony Farrugia, kien biddel l-aċċess tal-passaġġ eżistenti li kellu r-rikorrent. Huwa jsostni li l-passaġġ oriġinali tiegħu ġie devjat minn parti oħra tar-raba, b'konsegwenza li l-passaġġ djieq u li b'hekk l-attur ġie mċaħħad milli jgħaddi mill-passaġġ oriġinali.

42. Għalhekk, ir-rikorrent talab dikjarazzjoni li huwa jgawdi dritt ta' passaġġ minn fuq l-art proprjetà tal-konvenuti, u talab li l-konvenuti jirreintegraw lir-rikorrent fil-pussess sħiħ u reali godiment tad-dritt ta' passaġġ, sabiex jerġa' jiġi kostruwit il-passaġġ oriġinali.

43. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-konvenuti eċċepew preliminarjament, li l-attur għandu jiddikjara abbażi ta' liema artikolu tal-liġi qed jipproċedi u li l-ġudizzju mhuwiex integru stante li l-proprjeta` tar-raba' in kwistjoni li minn fuqu l-attur igawdi d-dritt ta' passaġġ, huwa wkoll ta' ħuthom oħrajn, kif jirriżulta mill-*causa mortis* tad-defunt Anthony Farrugia Dok A u Dok B eżebiti mar-risposta. Inoltre` ġie sostnut, li l-konvenuti mhumiex il-leġittimi kontradditturi għaliex ma għamlux huma x-xogħolijiet fit-triq pubblika li konsegwenza tagħhom ġie effetwat il-passaġġ in kwistjoni.

44. Fil-mertu, l-intimati eċċepew illi dak pretiż mir-rikorrent irid jiġi ippruvat peress li l-kuntratt tal-akkwist tar-rikorrent datat 1963 ma jindikax il-lok u l-pożizzjoni ta' dan il-passaġġ, u m'hemm l-ebda qies partikolari tal-passaġġ indikat.

### L-Ewwel Eċċezzjoni preliminari.

45. Fl-ewwel eċċezzjoni preliminari, ġie sostnut li l-attur għandu jiddikjara a bażi ta' liema artikolu tal-liġi qed jipproponi l-kawża odjerna, u fil-verbal datat 15 ta' Ġunju 2017 ġie indikat u ppreċiżat mill-avukat difensur tar-rikorrent, li qed isejjes l-azzjoni tiegħu fuq l-*actio confessoria servitutis* a tenur tal-Artikolu 476 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

46. Għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni preliminari tinsab sorvolata u din il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni preliminari.

## It-Tieni eċċezzjoni preliminari

47. Fit-tieni eċċezzjoni preliminari, ġie sostnut li l-ġudizzju mhuwiex integru peress li l-proprjeta` tar-raba in kwistjoni, li minn fuqu ir-rikorrent igawdi id-dritt ta’ passaġġ huwa wkoll ta’ ħuthom oħrajn, kif jirriżulta mid-dikjarazzjoni *causa mortis* tad-defunt Anthony Farrugia.

48. Jirriżulta illi, sussegwentement, wara rikors ppreżentat mir-rikorrenti fit-13 ta’ Settembru 2017 u degretat fil-15 ta’ Settembru 2017, ġew kjamati fil-kawża Lawrence Farrugia u Alfred Farrugia.

49. Għalhekk il-kwistjoni tal-integrita` tal-ġudizzja tinsab ukoll sorvolata u din il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eċċezzjoni preliminari.

## Meritu tal-każ

50. Jiġi osservat li t-talbiet tar-rikorrent jistgħu jinqasmu fi tnejn:

    a. talba għal dikjarazzjoni li huwa għandu d-dritt ta’ passaġġ, u
    b. talba għar-reintegrazzjoni tal-passaġġ kif kien eżistenti qabel, stante li ġie ostakolat u mfixkel mill-mogħdija tal-istess passaġġ.

51. Kif iċċarat mir-rikorrenti fil-mori tal-kawża, l-kawża odjerna hija *actio confessoria servitutis*, li hija ntiża sabiex tikkonferma dritt ta’ servitu` favur is-sid tal-fond dominanti kontra s-sid tal-fond servjenti.

52. Il-punt ta’ tluq ta’ tali azzjoni hija, għalhekk, ibbażata fuq il-ħtieġa li jiġi stabbilit l-eżistenza o meno ta’ servitu` li qiegħed jerġa’ r-rientegrazzjoni tiegħu.

53. Dwar in-natura u l-għan ewlieni ta’ l-*actio confessoria servitutis*, il-Qorti tagħmel referenza għall-każ **Josephine Darmanin vs Joseph Camilleri** (1932/99) deċiża mill-Prim’ Awla Qorti Ċivili fejn ingħad:

    > *“L-għan ewlieni tal-azzjoni konfessorja huwa dak li permezz tagħha s-sid ta’ fond li jgawdi servitu` fuq fond ieħor jitlob dikjarazzjoni mill-Qorti li l-ġid tiegħu jgawdi dik is-servitu li s-sid tal-post l-ieħor, b’għemil jew b’fatt ieħor, ikun qiegħed ixekklu jew ineħħieh mit-tgawdija tagħha.”*

54. Mill-insenjament tal-ġurisprudenza nostrana jirriżulta li l-elementi rikjesti għal din l-azzjoni huma tnejn.

    a. Illi huwa s-sid tal-fond dominanti li jippretendi li jgawdi dritt ta’ servitu` fuq il-fond servjenti proprjeta` tal-konvenut; u

b. il-fond proprjeta` tiegħu effettivament igawdi s-servitu` minnu pretiża.

(Ara wkoll il-każ **Emanuel Farrugia et vs Nicola Farrugia et** (273/2004/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar 2009).

55. Fil-każ **Carmela Buttigieg et vs Loreta Grima** (147/1994/1) deċiża fid-19 ta' April 2011, mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, saret referenza għad-Digesto Italiano fejn ġie ribadit hekk dwar l-azzjoni konfessorja, fejn insibu fid-dottrina li din l-azzjoni:

> *"e un mezzo che tende a far valere e reintegrare un diritto di servitu`, e si dice confessoria perche serve a far riconoscere dal convenuto il diritto che l-attore reclama." (**Digesto Italiano Vol VIII pte Ia, pag 857 para.2**)*

Dwar l-elementi meħtieġa għas-suċċess ta' din l-azzjoni jingħad:

> *"le condizioni necessarie per esercitare l-actio confessoria servitutis sono le seguenti. In primo luogo l-attore deve avere il diritto di servitu` che vuol fare riconoscere ... in secondo luogo, che il diritto di servitu` sia stato leso. La natura della lesione dipende da quella della servitu`. Quando la servitu` consiste nel diritto di fare qualcosa sul fondo altrui, l-actio confessoria ha luogo ogniqualvolta il titolare della medesima sia impedito di fare cotesta cosa. Cosi` nel caso di una servitu` di passaġġio, puo sperimentarsi la confessoria in rem action quando il vicino abbia edificato nel luogo per il quale e` dovuto il pasaggio, e quando si tratta di una servitu` di stillicidio, l-actio confessoria ha luogo quando il vicino abbia edificato in modo da non ricevere piu lo stillicidio." (**Digesto Italiano Vol. VIII pte 1a, pag 857 para.2**)*

56. Fil-każ in eżami, l-intimati mhumiex jikkontestaw id-dritt ta' passaġġ tar-rikorrent *per se*. Iżda, dak ikkontestat huwa dak pretiż mir-rikorrent dwar il-wisgħa u eżistenza preċedenti tal-passaġġ.

57. Jibda biex jingħad li, kemm mill-premessi, mix-xhieda u mit-talbiet huwa evidenti, li r-rikorrent qed jitfa' l-kolpa fuq id-defunt Anthony Farrugia l-*ante kawża* tal-intimati, li skont ir-rikorrent biddel, iddevja u dejjaq il-passaġġ eżistenti. Ir-rikorrent qed jattribwixxi in-natura tal-bdil ta' passaġġ solament għall-aġir tal-intimati. Għalhekk, jirriżulta, li din hija waħda mill-kontestazzjonijiet prinċipali f'dan il-każ.

58. Fil-fatt, l-intimati min-naħa l-oħra, ma jinnegawx id-dritt ta' passaġġ tar-rikorrent, b'hekk m'hemm l-ebda kontestazzjoni fuq id-dritt tas-servitu. Iżda, l-kontestazzjoni tirrigwarda dak sostnut mir-rikorrent dwar id-devjazzjoni u l-bdil ta' passaġġ, li allegatament sar minn Anthony Farrugia illum defunt.

59. Jingħad illi, sa mill-ittra uffiċjali responsiva tal-intimati datata 20 ta' Jannar 2017, eżebita bħala Dok C mar-rikors promotur, huwa ferm ċar, li l-intimati qed

jikkontendu, li r-rikorrent beda igawdi d-dritt ta’ passaġġ kif kien preżentement meta saret it-triq min-naħa tal-Gvern, u bl-ebda aġir da parti tal-intimati jew tad-defunt Anthony Farrugia.

60. Infatti, tajjeb tiġi ikkwotat silta minn din l-ittra responsiva tal-intimati:

> *“Fit-tieni lok, filwaqt, li huma jirrikonoxxu d-dritt ta’ passaġġ li għandek għaddej mill-porzjon art tagħkom …… jgħarrfuk bħal ma taf ben tajjeb int, li l-passaġġ djieq mhux b’xi azzjoni illegali jew b’xi irregolarita` min-naħa tal-esponenti iżda djieq għax saret triq min-naħa tal-Gvern, liema triq ħadet porzjon mill-art in kwistjoni. Di fatti, kien wara li seħħet din it-triq li bdejt tgawdi d-dritt tal-passaġġ kif inhu preżentement sabiex ikollok aċċess aktar faċli għall-art tiegħek, u kont int li għalaqt u tellajt il-ħitan fil-passaġġ in kwistjoni.”*

61. Għalhekk, huwa evidenti, li d-dritt ta’ passaġġ qed jiġi rikonoxxut.

62. Madankollu, ir-rikorrent qed jippretendi li d-dritt ta’ passaġġ tiegħu jiġi reintegrat u ridisinjat f’forma ta’ ‘L’, kif kien oriġinarjament, u aktar u aktar, li jitwessa stante li r-rikorrent qed jippretendi li l-passaġġ kienu aktar wiesgħa u qed isostni li kien wiesgħa seba’ piedi.

63. Hawnhekk, il-Qorti tibda billi tosserva li fil-kuntratt ta’ akkwist tar-rikorrent, datat 21 ta’ Ottubru 1963, Dok A eżebit mar-rikors promotur, hemm indikat li: “.... *tgawdi d-dritt ta’ passaġġ bir-riġel u bil-bhima minn fuq porzon diviża oħra tal-istess raba*” – ma hemm ebda referenza għal xi modalita’ differenti ta’ dritt ta’ passaġġ.

## Forma ta’ passaġġ

64. L-ewwel kwistjoni li ħarġet fl-assjem tal-provi hija dwar dak pretiż mir-rikorrent, ossija li l-forma tal-passaġġ oriġinarjament kien dak ta’ ‘L shape’.

65. Minn dak li jidher indikat fil-provi u fuq ir-ritratti a fol 62 u 63 tal-proċess, kif ukoll mill-aerial photos, jidher li oriġinarjament verament il-passaġġ in kwistjoni kien forma ta’ ‘L shape’. Madankollu, meta saret it-triq pubblika, ossija Triq l-Għabex, ittieħdet parti mir-raba’ u anke parti minn dan il-passaġġ b’konsegwenza, li dan il-passaġġ ma baqax aktar sostenibbli u l-forma ta’ ‘L shape’ tal-passaġġ ma baqgħetx hemm.

66. Jingħad, infatti, li l-intimati mhumiex jikkontestaw li l-imsemmi passaġġ kien forma ta’ ‘L shape’ fl-istat oriġinali tiegħu, iżda jikkontendu li l-passaġġ ma baqax sostenibbli u ma baqax fl-istat oriġinali tiegħu meta saret it-triq pubblika. Dan il-fatt jinsab korroborat mix-xhud Frans Sammut, ġar tal-partijiet, li jsostni t-teżi tal-intimati.

67. In segwitu, dwar x'ġara wara li saret it-triq pubblika, għalkemm il-verżjoni tar-rikorrent tikkontrasta ma' dik tal-intimati, ir-rikorrent xorta naqas milli jipprova dak sostnut minnu, ossija li huwa ġie ostakolat, konsegwenza tal-bdil u devjazzjoni imwettqa mill-aventi kawża tal-intimati, ossija Anthony Farrugia, mit-tgawdija tas-servitu tiegħu.

68. Il-Qorti tirrileva li hija regola ġenerali li l-piż tal-prova huwa fuq min jafferma fatt *onus probandi incubit ei qui dicit non ei qui negat* (**Joseph Zammit vs Joseph Hili** Vol. XXXVII-I578).

69. Abbażi ta' tali regola ġenerali, il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li, mill-assjem tal-provi, fl-ebda mument, ma tirriżulta ħjiel ta' prova dwar dak allegat mir-rikorrent. Dana qiegħed jingħad għax mill-atti tal-każ w il-provi mressqa, ma jirriżultax li hemm passaġġ b'mod misruq, u ma jidhirx li xi ħadd waqqa' l-ħajt u li għamel dak li qed jgħid ir-rikorrent. Lanqas, ma jirriżulta li r-rikorrent kien qatt ostakolat u mfixkel fil-passaġġ tiegħu minn Anthony Farrugia. Di fatti, minn imkien ma jirriżulta li Anthony Farrugia, ossija l-antenat ta' l-intimati, altera l-passaġġ, kif allegat mir-rikorrent.

70. Anzi, jirriżulta li Frans Sammut, ġar u mhux parti fil-kawża, jgħid hekk fl-affidavit:

> *"Peter Azzopardi kien beda jidħol direttament minn Triq l-Għabex għal fuq il-proprjeta` ta' Farrugia u jibqa' dieħel fil-proprjeta` tiegħu. Kien meta ġiet iffurmata Triq l-Għabex li l-passaġġ minn forma ta' L spiċċa u ġie dirett min Triq l-Għabex."*

L-istess xhud kompla jispjega hekk dwar il-qies tal-passaġġ in kwistjoni:

> *"Fl-aħħarnett, ngħid ukoll li Peter Azzopardi qatt ma kellu passaġġ wiesgħa aktar minn dak li jgawdi llum - anzi ngħid li kien anqas u proprjament qabel kellu biss passaġġ ta' żewġ piedi u nofs li huwa parti mill-passaġġ u llum huwa ta' bejn wieħed u ieħor 4 piedi."*

71. Il-Qorti tirrileva wkoll illi hija sinjifikanti, f'dan ir-rigward, ix-xhieda ta' Karl Borg, in rappreżentanza tal-Awtorita` tal-Artijiet, li kkonferma, li kienet seħħet esproprjazzjoni ta' art meta saret Triq l-Għabex.

72. Għalhekk, mill-provi prodotti, kollox jindika li l-passaġġ forma ta' 'L' ġie modifikat hekk kif saret it-triq.

73. Il-Qorti tosserva li, mill-assjem tal-provi, filwaqt li m'hemmx dubju li r-rikorrent dejjem kellu dritt ta' passaġġ, li preċedentement kien f'forma ta' 'L', meta dak il-passaġġ fi forma ta' 'L' ġie insostenibbli riżultat tal-kostruzzjoni tat-triq pubblika, jidher ċar li kien sar ftehim bejn ir-rikorrent u Anthony Farrugia, illum mejjet, li jinbidel il-passaġġ minn fuq ir-raba' għal dak odjern, u dana sabiex kemm ir-rikorrent ikollu aċċess aktar konvenjenti kif ukoll il-problema kkawżata mill-bini tat-triq tiġi riżolta.

74. Dana qiegħed jingħad, għax jidher, li l-passaġġ in kwistjoni, mit-triq sal-propjeta' tar-rikorrent ġie magħmul tas-'cement' u magħmul b'galbu u sengħa kif mistħoqq. Jirriżulta wkoll illi ġġet kostruwita rampa biswit dak il-passaġġ, dejjem skond is-sengħa u l-arti, li hija kostruzzjoni permanenti inkluż kolonni ma' kull naħa tar-rampa u saħansitra poġġaman tal-ħadid – kollha żviluppi illi saru meta l-antenat ta' l-intimati, Anthony Farrugia, kien għadu ħaj, u li jikkoroboraw l-argument ta' l-intimati illi l-passaġġ tar-rikorrent kien ġie mibdul bi ftehim ma' Anthony Farrugia.

75. Għalhekk, din il-Qorti tqis li dak allegat mir-rikorrent dwar alterazzjoni imwettqa mill-aventi kawża tal-intimati ma ġietx sostnuta bi provi għas-sodisfazzjon tal-Qorti. Anzi, jirriżulta mill-assjem tal-provi, li l-alterazzjoni seħħet bi ftehim wara l-formazzjoni tat-triq pubblika, ossija Triq l-Għabex, kif *del resto* qed isostnu l-istess intimati.

76. Għalhekk, tilqa' it-tielet eċċezzjoni tal-intimati.

**Wisgħa tal-passaġġ**

77. Kwistjoni oħra mqajjma mir-rikorrent tirrigwarda l-wisgħa tal-passaġġ. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi hija kellha l-opportunita' illi tagħmel aċċess fuq il-post, u hawnhekk tagħmel referenza għall-ewwel ritratt minnha meħud, a fol 270 tal-proċess.

78. Il-Qorti tosserva li jirriżulta mill-provi, u mill-aċċess, li r-rikorrent qed jgħaddi mill-passaġġ muri f'dan ir-ritratt, li huwa passaġġ dritt li jagħti mill-propjeta tiegħu għar-rampa, li huwa parti mill-passaġġ oriġinali illi huwa kien ġia jgawdi qabel ma saru x-xogħolijiet, fejn fl-antik il-passaġġ kien sussegwentement idur lejn ix-xellug sabiex joħroġ 'il-barra kif kien qabel, u llum il-passaġġ iwassal għat-triq, ossija Triq il-Għabex, hekk kif jitla' rampa ta' ftit filati.

79. Il-passaġġ eżistenti ċertament mhuwiex ta' seba' piedi, kif qed jikkontendi r-rikorrent illi huwa kellu. Jingħad li Frans Sammut, li kif ġia osservat, mhuwiex parti fil-każ, għandu 'l fuq minn sebgħin sena u ilu joqgħod hemmhekk fiż-żona, tant li kkonferma li huwa kien wieħed minn ta' l-ewwel f'din it-triq, saħaq li l-passaġġ tar-rikorrent qatt kien ta' seba' piedi u qatt ma seta' jidħol bil-karrettun.

80. Il-Qorti tirrileva wkoll illi, fil-kuntratt ta' l-akkwist tar-rikorrent, eżebit mill-istess rikorrent mar-rikors promotur, filwaqt illi jissemma "*dritt ta' passaġġ bir-riġel u bil-bhima*", ma hemm assolutament ebda indikazzjoni dwar minn fejn tali passaġġ jgħaddi u, aktar w aktar, ma hemm ebda referenza għall-qies – jingħad biss illi huwa passaġġ bir-riġel u bil-bhima!

81. Għalhekk, dak eċċepit tramite r-raba' eċċezzjoni, li l-kuntratt ta' l-akkwist tar-rikorrent ma jindikax, lok, daqs, qisien u pożizzjoni tal-passaġġ in kwistjoni, ser tiġi akkolta.

**Konsiderazzjonijiet finali.**

82. Il-Qorti tirrileva li, għalkemm l-ewwel element tal-*actio confessoria servitutis* ġie ppruvat, għaliex id-dritt ta' passaġġ fuq l-art tal-intimati oriġina mill-kuntratt, il-każ tar-rikorrenti ma ġiex ippruvat.

83. Dana qiegħed jingħad għax, għalkemm l-eżistenza tas-servitu` li għaddej min fuq ir-raba tal-intimati ġiet ippruvata, l-asserzjoni li huwa jgawdi dritt ta' passaġġ ukoll fil-parti parallela mat-Triq il-Għabex kif ukoll ta' wiesgħa ta' seba' piedi kif minnu pretiż ma ġiex ippruvat. Di fatti, ma ġiex ippruvat li l-passaġġ oriġinarjament godut kien aktar wiesgħa, u ċjoe` ta' seba' piedi. Apparti minn hekk, ma ġiex ippruvat, kif allegat, li kienu l-intimati jew l-aventi kawża tagħhom li alteraw il-passaġġ.

84. Jidher ċar illi kien proprju ir-rikorrent, bi ftehim ma' Anthony Farrugia, li beda jgħaddi mill-passaġġ kif inhu eżistenti llum proprju biex jiffaċilita l-entrata għar-raba tiegħu, wara li saret it-triq pubblika.

85. Għalhekk, in vista tas-suespost, jirriżulta ampjament mill-provi u mill-atti tal-każ, li l-azzjoni odjerna tfalli fuq it-tieni rekwiżit tal-azzjoni ta' l-*actio confessoria* servitutis tentata mir-rikorrent.

86. Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, din il-Qorti ser tiċħad it-talbiet tal-atturi.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar-rikorrent u tal-intimati;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-Ewwel u t-Tieni eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati stante li eżawriti.

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-intimati fil-mertu, għar-raġunijiet spjegati u sa fejn kompatibbli ma' dak li ser jiġi deċiż.

**Tilqa'** l-Ewwel Talba tar-rikorrent, billi tiddikjara li l-attur igawdi dritt ta' passaġġ minn fuq l-art proprjeta` tal-intimati, liema dritt ta' passaġġ mhuwiex aktar wiesgħa minn tlett piedi u huwa passaġġ dritt li jagħti mill-propjeta tiegħu għal ġo Triq il-Għabex u mhux fil-forma angolata, u dan kif jidher aħjar fir-ritratt meħud waqt l-aċċess tal-Qorti, l-ewwel ritratt fil-paġna 270 tal-proċess.

**Tilqa’** t-Tieni Talba u tistabbilixxi li l-wisgħa tal-passaġġ, ta’ mhux aktar minn tlett piedi, inkluż ir-rampa, huwa dak kif jidher fir-ritratt a fol 270 tal-proċess.

**Tiċħad** ir-rimanenti talbiet ta’ l-atturi, ossija t-tielet, ir-raba’ u l-ħames talbiet għar-raġunijiet spjegati.

**L-ispejjeż** għall-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur